MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Numru. 45/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Kevin Shawn Vella**

Numru 45/2014

Illum 10 ta' Dicembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kevin Shawn Vella**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Anthony u Nancy neé Rapa, imwieled New York, nhar l-4 ta' Mejju 1989, residenti

fil-fond Gladiolus House, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 259204(L), akkuzat talli nhar l-4 ta' Awwissu 2013 u fis-sentejn ta' qabel, gewwa l-Mgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. biegh jew offra li jbiegh jew forna d-droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*), kontenenti s-sustanza (*methlenedioxyamphetamine*) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*) kontenenti s-sustanza (*methlenedioxyamphetamine*) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*) kontenenti s-sustanza (*methlenedioxyamphetamine*) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mil-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-

Ligijiet ta' Malta) liema droga ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi dan kien kaz li jirrigwarda *sharing* bejn l-imputat u persuna ohra u mhux traffikar *per se*.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali (Dok. "B") tieghu, u kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li dan kien kaz ta' *sharing* u mhux traffikar *per se*.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u Artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, Regolament 8 tal-GN 292/1939 u Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, kif ukoll Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), 120A(2)(b)(ii) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-

Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Kevin Shawn Vella hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum u tikkundanna lill-imputat ukoll ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€ 500.00).

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata msemmi hawn fuq.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "FT 3" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------